MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 9/2024 LM

**Paul Gardner (Passaport nru. 527131691)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Momentum Pensions Malta Limited (C 52627)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Momentum Pensions Malta Limited (C 52627)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fit-22 ta' Jannar, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-ilment tar-rikorrent **Paul Gardner (Passaport**

**nru. 527131691)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’] fil-konfront tal-imsemmija soċjetà appellanta, u dan safejn kompatibbli mad-deċiżjoni appellata kif ġej:

*“Conclusion*

***For the reasons stated earlier on in this decision, the Arbiter considers the complaint to be fair, equitable, and reasonable in the particular circumstances and substantive merits of the case and is accepting it in so far as it is compatible with this decision.***

***Cognizance needs to be taken of the responsibilities of other parties involved with the Scheme and its underlying investments, particularly, the role and responsibilities of the investment adviser to the Member of the Scheme. Hence, having carefully considered the case in question, the Arbiter considers that the Service Provider is to be partially held responsible for the losses incurred.***

*Compensation*

***Being mindful of the key role of Momentum Pensions Malta Limited as Trustee and Retirement Scheme Administrator of the Momentum Malta Retirement Trust and in view of the deficiencies identified in the obligations emanating from such roles as amply explained above, which deficiencies are considered to have prevented the losses from being minimised and in a way contributed in part to the lossess experienced on the Complainant’s Retirement Scheme, the Arbiter concludes that the Complainant should be compensated by Momentum Pensions Malta Limited for part of the realised losses experienced on his pension portfolio.***

***In the particular circumstances of this case, considering that the Service Provider had the last word on the investments and acted in its dual role of Trustee and Retirement Scheme Administrator, and taking into consideration the risk attitude of the Complainant, the Arbiter considers it fair, equitable and reasonable for Momentum Pensions Malta Limited, to be held responsible for seventy per cent of the sum of the Net Loss incurred by the Complainant within his whole portfolio of underlying investments suffered on the underlying Generali Plan.*** *(fn. 110: As indicated earlier in the decision, under the section titled* ‘The Retirement Scheme’s Underlying Investments’*, the Net Realised Loss on the whole investment portfolio is calculated to amount to GBP 168,993.72 as indicated by MPM (P.345). Seventy per cent of the Net Realised Loss – 70% of GBP 168,993.72 – amounts to GBP 118,295.60) (fn. 111: A rate of seventy per cent is, in this case, being applied in the computation of compensation in light of the* ‘Low to Medium’ *risk profile selected by the*

*Complainant in his Application form for Membership into the Retirement Scheme – P. 209)*

***In accordance with Article 26(3)(c)(iv) of Chapter 555 of the Laws of Malta, the Arbiter accordingly orders Momentum Pensions Malta Limited to pay to the Complainant the sum of GBP 118,295.60 (hundred-and-eighteen-thousand, two hundred-and ninety-five-pounds sterling and sixty pence).***

***With interest at the rate of 5.25% p.a.*** *(fn. 112 Equivalent to the current Bank of England Bank Rate)* ***from the date of this decision till the date of payment.*** *(fn. 113 It is to be noted that in case this decision is appealed, should this decision be confirmed on appeal, the interest is to be calculated from the date of this decision.)*

***The costs of these proceedings are to be borne by the Service Provider.”***

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw it-telf eventwali li allegatament jgħid li ġarrab l-appellat mill-investiment tal-pensjoni tiegħu fi skema tal-irtirar [minn issa ’l quddiem ‘l-Iskema’] jew ‘QROPS’, ġestita mis-soċjetà appellanta, wara li kkonsulta lil *Continental Wealth Management* [minn issa ’l quddiem ‘CWM’] fis-sena 2013.

## Mertu

3. L-appellat ippreżenta lment quddiem l-Arbitru fil-5 ta’ Lulju, 2022, fil-konfront tas-soċjetà appellanta, fejn sostna li din kienet negliġenti, u weriet diversi nuqqasijiet fl-obbligu tagħha ta’ kura lejh, iżda anki fl-obbligi fiduċjarji tagħha bħala *Trustee* tal-Iskema, u dan filwaqt li spjega liema kienu dawn l-obbligi. Spjega li l-fond tal-pensjoni tiegħu kellu valur ta’ £482,986.05 meta dan kien ġie trasferit lis-soċjetà appellanta fit-3 ta’ Jannar, 2013, u wara li tnaqqsu d-drittijiet u l-kummissjonijiet dovuti lil diversi entitajiet, kienet ġiet investita s-

somma ta' £473,043.29 fil-Generali Portfolio Bond. F'Mejju 2018, hekk kif huwa ċeda l-investiment tiegħu minħabba li d-drittijiet għolja li kienu qegħdin inaqqru sew mill-valur tiegħu, l-imsemmi valur kien niżel għal £232,877.46. Għalhekk huwa kien qed jippretendi kumpens tat-telf kollu li sofra fl-ammont ta' £240,165.83.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-27 ta' Lulju, 2022, billi talbet lill-Arbitru sabiex jiċħad l-ilment tal-appellat. Hija eċċepiet fost affarijiet oħra li (i) l-azzjoni kienet preskritta *ai termini* tal-para. (ċ) tas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 555; (ii) l-appellat kien ħatar lil Anthony Downs bħala l-konsulent finanzjarju tiegħu, u hija ma kellhiex twieġeb għall-informazzjoni, parir jew assikurazzjoni li dan kien ta lill-imsemmi appellat; (iii) kien l-appellat stess li għażel li l-profil ta' riskju tiegħu kien wieħed medju; (iv) l-investimenti saru skont il-profil ta' riskju tal-appellat; (v) hija kienet bagħtet rendikonti annwali lill-appellat sa mis-sena 2014; (vi) l-appellat kellu jikkjarjifika x'ried ifisser bl-allegazzjoni tiegħu li huwa kien iffirma *"a blank dealing instruction"*; (vii) id-dokument ta' konsultazzjoni maħruġ mill-MFSA wara li l-appellat ċeda l-investiment tiegħu mhuwiex applikabbli; (viii) hija ma kellhiex liċenzja sabiex tagħti u hija fil-fatt ma kienitx tagħti pariri finanzjarji u lanqas qatt ma tat parir finanzjarju lill-appellat; (ix) hija ma kienitx responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont pretiż mill-appellat, u min-naħa tagħha ma kienitx imxiet b'negliġenza u dejjem osservat l-obbligi tagħha lejn l-appellat.

**<u>L-Appell</u>**

5. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata tal-Arbitru, u fit-12 ta' Frar, 2024, intavolat appell fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti

sabiex tirrevoka d-deċiżjoni appellata, billi tilqa' l-eċċezzjoni tagħha msejsa fuq il-para. (ċ) tas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-appellat wieġeb fis-17 ta' April, 2024, permezz tal-mandatarju tiegħu l-Avukat Cedric Mifsud, li ssottometta li d-deċiżjoni appellata hija ġusta, u għaldaqstant timmerita li tiġi kkonfermata għal dawk ir-raġunijiet li huwa jispjega fit-tweġiba tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

8. Is-soċjetà appellanta tispjega li hija tinsab aggravata bil-fatt li l-Arbitru interpreta u applika l-liġi ħażin meta ddeċieda li jiċħad l-eċċezzjoni tagħha *ai termini* tal-para. (ċ) tas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 555, u dan wara li kkunsidra li l-appellat kien ilmenta magħha fl-2018, u mhux fis-27 ta' Jannar, 2022, kif kienet qiegħda tikkontendi. Wara li tiċċita dak li qies l-Arbitru sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, is-soċjetà appellanta tissottometti li l-komunikazzjonijiet li huwa ħa in konsiderazzjoni, fil-fehma tagħha ma kienux jikkostitwixxu lmenti fil-konfront tagħha. Għalhekk minflok ma kkunsidra li l-ilment tiegħu tas-27 ta' Jannar, 2022, kien b'mod inekwivoku jikkostitwixxi lment bil-miktub, għażel li jaċċetta li l-appellat kien għamel ilment fl-2018. Tgħid li tant kemm l-appellat kien jaf li huwa ma kienx ressaq ilment fil-konfront tagħha qabel Jannar 2022, li huwa qatt ma ttenta jieħu risposta mingħandha. Hawnhekk is-soċjetà appellanta ssostni li dan għaliex l-ilment tiegħu ma kienx dirett fil-konfront tagħha. Hija

tikkontendi li dak li ddeċieda l-Arbitru kien iwassal għal stedina għal azzjoni kontra l-provditur tas-servizz, u dan wassal għal inċertezza legali fuq il-provdituri tas-servizz kollha. Is-soċjetà appellanta tinsisti li l-korrispondenza bejn il-partijiet ma tista' qatt titqies bħala lment reġistrat bil-miktub magħha, fejn l-ilmenti kienu saħansitra ndirizzati fil-konfront ta' entitajiet oħra. Is-soċjetà appellanta tgħid madankollu li hawnhekk l-Arbitru kkunsidra li l-appellat kien qiegħed jilmenta wkoll fil-konfront tagħha, u dan fejn id-dispożizzjonijiet tal-para. (ċ) tas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 555 huma ċari. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-para. (b) tas-subartikolu 21(2) tal-Kap. 555, imbagħad jkompli jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet imsemmija. Għalhekk hija ma setgħetx twieġeb *ai termini* tal-para. (b) tas-subartikolu 21(2) tal-Kap. 555, u dan għamlitu biss fl-2022 fejn l-appellat indirizza l-ilment tiegħu l-ewwel darba lejha. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li ma kienx ġust dak li qal l-Arbitru fil-konfront tagħha, li hija kienet qiegħda tuża "*delaying tactics*", għaliex ma kien hemm l-ebda lment kontriha dak iż-żmien, u wara kollox hija ma kinitx mitluba skont il-Kap. 555 sabiex twieġeb għall-ilment tal-appellat.

9. L-appellat jikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija tajba. Wara li huwa jiċċita l-fatturi li elenka l-Arbitru sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, jgħid li minn hawnhekk joħroġ ċar kemm is-soċjetà appellanta kienet taf bil-preokkupazzjonijiet tiegħu. Huwa jiċċita wkoll il-para. (ċ) tas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 555, u jissottometti li minn dawn id-dispożizzjonijiet u anki mill-fatti li huwa elenka fl-istess tweġiba tiegħu, din il-Qorti għandha tiddeċiedi li l-ilment tiegħu ma kienx preskritt. Jikkontendi li l-liġi mkien ma titlob li l-ilment għandu jsir bil-miktub u jiġi ndirizzat lill-provditur tas-servizz finanzjarju, iżda minflok

tirrikjedi li l-ilment għandu jsir *'bil-miktub **mal**-provditur'* (enfażi tal-appellat). Jirrileva li għalhekk l-Arbitru kien korrett meta qal li l-ispirtu tal-liġi huwa li l-konsumatur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-provditur tas-servizz finanzjarju b'mod formali għas-sustanza tal-ilment tiegħu. L-appellat isostni li l-para. (b) tas-subartikolu 21(2) tal-Kap. 555 ukoll jagħmilha ċara li l-Arbitru għandu jirrifjuta li jeżerċita s-setgħat tiegħu taħt dik il-liġi f'każ, fejn *'...ikun jirriżulta li l-klijent naqas milli jikkomunika s-sustanza tal-ilment lill-provditur tas-servizz finanzjarju involut u ma jkunx ta opportunità raġonevoli lill-provditur tas-servizz finanzjarju sabiex jittratta l-ilment qabel ma jkun ressaq l-ilment mal-Arbitru'.* Jgħid li dan sabiex il-provditur tas-servizz finanzjarju jkun jista' jindirizza l-ilment b'mod amikevoli, minflok ma jiġu ppreżentati proċeduri quddiem l-Arbitru mingħajr ma l-provditur jingħata l-opportunità li jirrimedja. L-appellat jgħid li jirriżulta mill-provi quddiem l-Arbitru, li l-provditur tas-servizz finanzjarju kien konxju ferm tal-ilment tiegħu, u kellu kull opportunità sabiex jasal fi ftehim miegħu qabel ma jitressaq ilment formali quddiem l-Arbitru. Jgħid li mhuwiex aċċettabbli dak li kienet qiegħda tinsisti fuqu s-soċjetà appellanta li hija ma kinitx infurmata, u wisq inqas li hija tittenta tinħeba wara Generali International Limited [minn issa 'l quddiem 'Generali'], u tgħid li qabel l-2022 hija qatt ma kienet taf bl-ilment tal-appellat fil-konfront tagħha. Filwaqt li l-appellat jiċċita dak li qal l-Arbitru dwar kif is-soċjetà appellanta kienet taf bl-ilment tiegħu fl-2018, u saħansitra ddiskutietu ma' Generali, jgħid li huwa tassew ċar li huwa ma kienx naqas milli jinforma lill-provditur tas-servizz finanzjarju bl-ilment tiegħu fit-termini stabbilit mil-liġi.

10. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda tajba, u dan wara li kkunsidrat li huwa għamel apprezzament tajjeb u mirqum kemm tal-fatti riżultanti mill-provi, u anki tal-liġi applikabbli. L-Arbitru beda billi ċċita l-para. (ċ)

tas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 555, u ddikjara li skont id-dispożizzjonijiet tiegħu l-appellat kellu sentejn mid-data li fiha huwa sar jaf dwar il-fatti mertu tal-ilment tiegħu sabiex jippreżenta lill-provditur tas-servizzi finanzjarji bl-imsemmi lment, liema fatti kienu jirrigwardaw it-telf sostanzjali li huwa kien sofra mill-investiment tiegħu permezz tal-Iskema. L-Arbitru rrileva li ma kienx ikkontestat li l-appellat kien jaf bil-problemi li l-investiment tiegħu kien qiegħed jaffaċċa sa mill-2017, u sal-2018 huwa kien jaf sew x'kien it-telf li huwa kien sofra wara li kienu nbiegħu l-aħħar żewġ noti strutturati fi Frar, 2018, u saret iċ-ċessjoni tal-polza ta' Generali ftit wara f'Mejju, 2018. L-Arbitru għaraf li l-appellat minn qabel ma ċeda l-polza tiegħu, kien diġà għamel ilment dettaljat bil-miktub lil Generali permezz tal-*email* tiegħu tat-23 ta' Frar, 2018. L-Arbitru kkunsidra li d-data ndikata mill-appellat fil-formola li permezz tagħha ressaq l-ilment tiegħu f'dawn il-proċeduri, ma kinitx korretta u lanqas rilevanti. Spjega li din kienet biss tindika d-data tal-ittra tiegħu mibgħuta permezz ta' *email,* li s-soċjetà appellanta wieġbet permezz tal-ittra tagħha tal-11 ta' April, 2022.

11. L-Arbitru sewwa kkunsidra li l-ispirtu tal-liġi jitlob li l-konsumatur b'mod formali javża lill-provditur tas-servizz bil-mertu tal-ilment tiegħu. Qal li kif ammettiet is-soċjetà appellanta, kien hemm xi kommunikazzjonijiet formali qabel is-27 ta' Jannar, 2022, saħansitra mill-2018, fejn hija kienet ġiet ukoll meqjusa li kellha tinżamm responsabbli. Il-Qorti tikkunsidra li hawnhekk is-soċjetà appellanta kellha taġixxi mill-ewwel billi tindirizza l-ilmenti li kienu qegħdin isiru, u dan meħud in konsiderazzjoni l-kariga tagħha ta' *Trustee* u Amministratriċi tal-Iskema.

12. L-Arbitru qal li għall-fini tal-Att, l-imsemmija komunikazzjonijiet kellhom jittieħdu bħala lment bil-miktub magħmul mal-provditur tas-servizz, u għadda sabiex aċċenna għal numru ta' fatturi riżultanti li kienu wassluh għal din id-deċiżjoni, li huma s-segwenti: (a) fil-11 ta' Settembru, 2017, l-appellat kien bagħat *email* lis-soċjetà appellanta fejn irrileva li l-investiment tiegħu kien sofra telf, u ndaga dwar meta huwa kien ser jiġi kkumpensat għat-telf li għamel fuq in-noti strutturati Leonteq, għaliex kif seta' jifhem *"[a]pparently Leonteq has now agreed that reimbursement will be made to all affect and that the payments have started";* (b) fit-23 ta' Frar, 2018, l-appellat bagħat ilment formali permezz ta' *email* lil Generali, li wieġbet fl-20 ta' April, 2018, permezz ta' "C/O The Momentum Malta Retirement Trust, Momentum Pensions Malta Limited", u mill-*email* ta' Generali tal-14 ta' Mejju, 2018, u mis-sottomissjonijiet finali tagħha, kien jirriżulta li s-soċjetà appellanta kienet irċeviet kemm kopja tal-ilment tal-appellat tat-23 ta' Frar, 2018, fuq rikjesta tagħha stess u bil-permess tiegħu, kif ukoll kopja tat-tweġiba ta' Generali; (ċ) l-imsemmija soċjetà appellanta kienet iddiskutiet ma' Generali l-ilment tal-appellat; (d) joħroġ ċar mill-provi miġjuba li s-soċjetà appellanta kienet taf sew, u saħansitra rċeviet b'mod formali l-ilment tal-appellat fir-rigward ta' kif il-pensjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi kkunsidrata, it-telf li huwa kien sofra, u li l-investimenti in kwistjoni ma kienux idoneji; (e) il-qofol tal-ilment tal-appellat quddiem l-Arbitru, kien essenzjalment l-istess jew intrinsikament viċin tal-ilment li huwa kien għamel fl-2018, għaliex kien marbut mal-allegazzjoni li l-investimenti fin-noti strutturati ma kienux tajbin, kif ukoll mal-allegata inadegwatezza tal-konsulent finanzjarju, li skont l-istruzzjonijiet tiegħu kienu saru t-tranżazzjonijiet li wasslu għat-telf soffert minnu; u (f) fit-tweġiba ta' Generali lill-appellat u li ġiet ikkomunikata wkoll lis-soċjetà

appellanta, joħroġ ċar li s-soċjetà appellanta kienet taf bl-ilmenti prinċipali tal-appellat fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-Iskema u t-telf soffert minnu sa minn sew qabel Jannar 2022.

13. L-Arbitru hawnhekk ikkunsidra li ma kienx joħroġ ċar għalfejn minkejja dan kollu fejn l-aġir tagħha bħala *Trustee* u RSA tal-Iskema kien qiegħed jiġi kkontestat sa minn Frar 2018 permezz tal-ilment tal-appellat, u anki fit-tweġiba ta' Genrali stess tal-20 ta' April, 2018, is-soċjetà appellanta baqgħet siekta u ma ttrattatx l-ilment magħmul fil-konfront tal-kondotta tagħha, meta dan kien proprju d-dover tagħha li tagħmel dan. Jirrileva li s-soċjetà appellanta stess aċċettat fis-sottomissjonijiet finali tagħha li Generali kienet għamlitha ċara lill-appellat, li hija kellha tinżamm responsabbli. Qal li madankollu l-fatt li s-soċjetà appellanta ma kinitx aġixxiet, ma setax illum jintuża minnha stess sabiex tiġġustifika l-eċċezzjoni tagħha ta' preskrizzjoni, u huwa ċċita dak li jipprovdi s-subartikolu 21(1) tal-Kap. 331 fir-rigward tal-obbligu tagħha li twettaq l-obbligi tagħha bl-akbar *bona fede* u bl-onestà kollha. Għalhekk huwa għadda sabiex ċaħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta kif imsejsa fuq il-para. (ċ) tas-subartikolu 21(1) tal-Att.

14. Il-Qorti tgħid li hija ssib li dawn il-konsiderazzjonijiet kollha tal-Arbitru huma ġustifikati, u filwaqt li tagħmilhom tagħha, tgħid ukoll li hija tassew m'għandha xejn aktar x'iżżid magħhom.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx ġustifikat l-aggravju tas-soċjetà appellanta, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mad-deċiżjoni appellata għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**